KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 431 (8-59)

It-Tnejn 6 ta' Frar fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Sant (daħal għal-laqgħa fis-7.10pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

| | |
|---|---|
| **431.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **431.1.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera, Adrian Farrugia u Gillian Farrugia Pace. |
| **431.1.3** | Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni li krejat ultimament ta' assenzi kontinwi fis-Seduti tal-Kunsill mhix iktar tenibbli. Hu qal li d-data tas-Seduta tiġi miftehma minn xahar qabel u filwaqt li kulħadd ikollu l-impenji tiegħu iżda kull kunsillier għandu d-dmir li jattendi almenu għas-Seduta ta' darba f'xahar. Hu qal li ser ikun qed jinforma lid-Dipartiment dwar dan. Hu qal li avviż fl-aħħar mument qabel tibda s-Seduta mhux aċċettabbli anka b'rispett tal-Kunsilliera l-oħra u s-Segretarju Eżekuttiv. |
| **431.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **431.2.1** | Inqraw il-Minuti tas-Seduta 430. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.<br>Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett. |
| **431.2.2** | **Punti li joħorġu mill-Minuti**<br>Ma tqajjem l-ebda punt mil-Minuti. |
| **431.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| **431.3.1** | Xogħol ta' toroq minn IM<br>Is-Sindku qal li dalgħodu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda laqgħa mal-uffiċjali ta' Infrastructure Malta dwar il-finalizzar tal-prijoritajiet tax-xogħolijiet ta' toroq għat-tlett snin li ġejjin. Hu qal li IM uriet lista ta' toroq proġettati skond it-talba tal-Kunsill u infurmat li x-xogħol fi Triq Annabelle Vassallo u Triq l-Imqabba huwa fil-proċess li jibda' u eventwalment isir l-arranġament tat-traffiku neċessarju. |
| **431.3.2** | It-toroq fil-lista għal din is-sena 2023 huma Triq is-Siġġiewi (li kienet Triq Sta Margerita), bit-toroq biswit: Triq il-Palazz tal-Verdala (triq żviluppata riċentement li tagħti minn Triq is-Siġġiewi għal Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Triq iż-Żerniq, Triq l-Għid u Triq Pawlu, inkluż il-bankini fejn hemm meħtieġ. Dawn ser isiru bħala proġett wieħed. Infrastructure Malta talbu mill-Kunsill proposti ta' 'green embellishement' biex jiġu inklużi f'dawn it-toroq u talbu li jekk hemm bżonn xi tibdiliet bħal arranġamenti tat-traffiku għandhom jiġu proposti f'dan l-istadju. |
| **431.3.3** | Is-Sindku qal li dawn huma t-toroq ikkonfermati għal din is-sena u f'każ ta' urġenzi, dawn jonqsu mill-allokazzjoni tas-snin li ġejjin. Huwa qal li reġa semma il-junction tal-Girgenti/Ta' Brija li kellha ssir u li issa qegħda fi stat ta' periklu apparti li ħafna sewwieqa qed jagħmlu ħsarat fil-vetturi. Huwa qal ukoll li l-istima mill-Kuntrattur tal-Kunsill telgħet għal madwar €110,000 u allura mhux possibbli finanzjarjament li ssir mill-Kunsill. Wara li din il-materja t'urgenza ġiet diskussa, Infrastructure Malta kkommettew li ser issir tiswija immedjata bil-konkos. Huma qalu wkoll li x-xogħol tal-wiċċ ikun jista jsir meta tinfetaħ Triq is-Sejba fl-Imqabba, peress li ma jistax ikun hemm triq alternattiva magħluqa għat-traffiku fl-istess żmien. |
| **431.3.4** | Traffiku<br>Is-Sindku qal li wara eżerċizzju mill-Pulizija tal-Komunita' għall-ipparkjar illegali fil-Pjazza diġa jidher li hemm miljorament. Is-Sindku rringrazja lill-Pulizija tal-ħidma u talli qed jedukaw lin-nies. |

Rigward il-problema ta' pparkjar illegali fil-Pjazza, is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Superjur tal-Mużew tas-Subien fejn spjega l-problema u l-periklu għat-tfal. Hu qal li s-Superjur fehem u wiegħed koperazzjoni. Is-Sindku propona, bħal ma ilha tissemma għal diversi snin, l-opzjoni biex jibda jintuża l-bieb tal-Mużew minn naħa ta' Triq in-Newba minflok fi Triq il-Knisja l-Qadima peress li hija triq sekondarja. Is-Superjur għandu jitkellem din il-proposta internament u jagħti risposta.

**431.3.5** Is-Sindku qal li kellmuh is-sidien tal-ħanut Marilu' fil-Pjazza dwar ħsara mill-karozzi tat-trasport pubbliku x'ħin jgħaddu mill-biċċa d-dejqa biswit iz-zuntier. Huma qed jipproponu li jsiru bollards man-naħa tal-faċċata. Wara diskussjoni ġie imsemmi li jekk isiru bollards mal-faċċata msemmija, il-karozzi jkollhom jagħfsu iktar maz-zuntier bil-konsegwenza li ssirlu aktar ħsara.

**431.3.6** Proġetti ta' Restawr
Is-Sindku informa li infurmat li inħareġ it-tender għax-xogħolijiet tal-kappella tal-Lunzjata f'tal-Għolja. Hu qal li jilqa' b'pożittivita' din l-aħbar li ser isir ix-xogħol meħtieġ. Huwa qal li dan huwa frott tal-isforz mill-Kunsill Lokali fid-diversi leġislazzjonijiet biex finalment jiġi priżervat dan il-wirt kulturali.

**431.3.7** Is-Sindku qal li qed isegwi r-rapport dwar il-ħsarat tal-Kappella tal-Ċwerra u l-bżonn immedjat ta' restawr u l-istat ta' periklu. Hu qal li saret laqgħa mal-Pulizija, u l-Arċipriet fejn ġie stabbilit li s-sidien li huma d-Dumnikani qed jitrasferixxu l-propjeta' lill-Kurja minħabba problema ta' finanzi. Is-Sindku qal li ser issir talba lill-Ministru Owen Bonnici għall-għajnuna fir-restawr u jżomm lill-Kunsill aġġornat.

**431.3.8** Is-Sindku informa li r-restawr fuq iż-żewġ niċeċ fi Triq Sta. Margerita ħdejn il-Mitħna miexi kif pjanat. Hu qal li r-restawratur sab ħafna ħsara u l-istat tagħhom kien degradanti ħafna li stajna nitilfuhom. Ix-xogħol pjanat ikun lest qabel il-ġimgħa mqaddsa.

**431.3.9** Mixgħela 2023
Is-Sindku qal li saret laqgħa ta' koordinament mal-Pulizija rigward l-għeluq tat-toroq u l-clearance u loġistika oħra u li ser issir laqgħa oħra iktar viċin l-avveniment. Is-Sindku qal li l-ħidma amministrattiva fuq din l-attivita' diġa bdiet u qed isir koordinament ukoll mal-għaqdiet bħas-snin preċedenti.

**431.3.10** Attivita' tal-Karnival
Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 19 ta' Frar 2023 ser issir l-attivita' tal-karnival mill-Ħbieb tad-Dar tal-Providenza b'koordinament mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. L-għan ta' din l-attivita' huwa l-ġbir ta' fondi għad-Dar tal-Providenza. Huwa qal li l-organizzazjoni prinċipali qegħda f'idejn il-Ħbieb DTP fejn il-Kunsill qed jgħin fil-loġistika. Saret laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' fejn ser ikun qed joffru s-servizz mingħajr ħlas, ser ikunu preżenti wkoll sezzjonijiet tal-Pulizija, u s-CPD b'wirja ta' fire-engines u sezzjoni tat-tifi tan-Nar.

**431.3.11** Attivita' Sportiva fis-26 ta' Marzu 2023
Is-Sindku qal li qed isiru tħejjijiet għall-attivita' sportiva tas-26 ta' Marzu, bħala waħda mill-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi. Huwa qal li l-attivita' prinċipali ser ikunu r-roti. Qed nistiednu wkoll lil-Protezzjoni Civiki għal- wirja tat-tifi tan-nar, u l-pulizija b'diversi sezzjonijiet fosthom tal-klieb u taż-żwiemel. Is-Sindku qal li l-organizzazjoni għal dawn l-attivitajiet tieħu ħafna xogħol u ħin u ħeġġeġ lill-Kunsilliera jagħtu sehemhom. Huwa rringrazzja lill-amministrazzjoni u l-istaff tax-xogħol tagħhom.

**431.3.12** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk hemmx ħsieb li ma' din l-attivita' ssirx ukoll il-mixja bil-klieb bħal ma ġieli saret. Is-Sindku qallha li tkun idea sabiħa u talabha biex tikkoordina biex din issir.

**431.3.13** Ġemellaġġ ma' Malbork
Is-Sindku qal li l-Ambaxxatriċi Dr. Farrugia kienet iltaqgħet mas-Sindku ta' Malbork fejn qed jistiednu delegazzjoni mis-Siġġiewi għal żjara għal Lulju. Hija x-xewqa tagħhom li ż-żjara reċiproka f'Malta ssir fl-okkazjoni tal-festa Għeneb peress li għandhom interess partikolari fil-prodott agrikolu Malti. Is-Sindku qal li qed jitħejja draft tal-ftehim biex jgħaddi għall-approvazzjoni u t-traduzzjoni tagħhom.

**431.3.14** Tiżjin għall-Ġimgħa Mqaddsa
Is-Sindku qal li kien hemm l-idea li jsiru slaleb tal-injam bid-dwal tul Triq Mons Mikiel Azzopardi bħala tiżjin għal ġimgħa mqaddsa. Huwa qal li qed naraw l-aħjar prezzijiet biex jibdew jinħadmu u jintramaw biex tiżdied l-atmosfera tal-okkażjoni.

**431.3.15** Family Park Triq Salvu Borg Olivier
Is-Sindku qal li għandu informazzjoni li jonqos l-aħħar approvazzjoni tat-tender tax-xogħolijiet tal-park. Hu qal li l-pjan hu li x-xogħol jitlesta sa din is-sena.

**431.3.16** Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal għal laqgħa fis-7.10pm

**431.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**431.4.1** Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku u lill-Kunsillier Julian Borg jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-mozzjoni approvata dwar il-mafkar ta' Prof. Albert Fenech. Huwa staqsa jekk kienetx saret laqgħa mal-familjari. Il-Kunsillier Julian Borg qal li ma kellux kuntatt mal-familjari u suġġerixxa li l-mafkar isir fi Ġnien l-Armonija peress li jinsab fiż-żona fejn kien joqgħodu l-istess Prof. Fenech. Il-Kunsillier Borg propona li minflok bust isir mafkar rappreżentattiv/simboliku. Qal li din għandha tiġi msemmija lill-familjari biex naraw x'jaħsbu dwarha.

**431.4.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-Mozzjoni tat-traffic management plan. Is-Sindku wieġeb li l-proposti qegħdin fuq livell ta' ministeru, u beda l-pjan għar-rinovar tal-Pjazza biex ikun proġett holistiku.

**431.4.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li x-xogħol tal-iżvilupp fi Triq Nicolo Baldacchino kien waqaf minħabba mandat. Huwa staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament rigward dan. Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm l-ebda intervent ġdid minn naġa tal-Kunsill.

**431.4.4** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp minn naħa tal-Kunsill dwar l-iżvilupp illegali mressaq mir-residenti f'Seduta preċedenti fuq art f'Ta' Kilpa. Is-Sindku qal li l-perit tal-Kunsill informana li ma kienx hemm bażi ta' oġġezzjoni.

**431.4.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm aġġornament dwar li jinfetħu s-shelters tal-pjazza għall-pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li wara l-ammont qawwi ta' xita li għamlet, jidher li fis-shelters hemm ammont ta' ilma u mhumhiex f'kundizzjoni li jinfetħu għall-pubbliku.

**431.4.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet dwar il-linji tat-traffiku u l-one way fiż-żona tal-Kirċippu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad m'hemmx l-approvazzjoni ta' Transport Malta għalkemm intbagħtu diversi tfakkiriet.

**431.5** **Project Green – Community Greening Grant**

**431.5.1** Is-Sindku tkellem dwar l-introduzzjoni tal-Project Green bil-għan li tamministra proġetti ambjentali fuq meded ta' art, anke privati, u jinbidlu f'ġonna pubbliċi. Il-pjan huwa li f'temp ta' sena u nofs ikun hemm proġett f'kull lokalita'. Is-Sindku qal li qed jiġu mistħarrġa postijiet u qed jilqgħu proposti mill-Kunsilli. Huwa talab lill-Kunsilliera jressqu għand l-amministrazzjoni idejat u siti li jistgħu jaħsbu fihom li huma adatti għal dan l-iskop.

431.5.2 Ġew imsemmija il-biċċiet art żdingati u li huma propjeta' tad-Dipartiment tal-Artijiet biswit l-outdoor gym fi Triq Mons FX Mangion qabel iddur għal Triq Ġmiel il-Widien, biċċa art fi Triq Dun Manwel Zammit in-naħa tal-ground, u biċċa oħra fl-istess Triq iżda fit-tarf l-ieħor qabel taqbad Triq Papa Pawlu.

**431.6 Ftehim ma' IM – EARDF Measure 4.3 Rural Roads – Triq Limiti tal-Madonna tal-Girgenti**

431.6.1 Is-Sindku preżenta proposta għal ftehim ma' Infrastructure Malta biex din it-triq tiġi inkluża f'applikazzjoni ta' Miżura 4.3 għal wiċċ ġdid. Is-Sindku propona li dan il-ftehim jiġi ffirmat. Il-Kunsill unanimament qabel.

**431.7 Jum is-Siġġiewi 2023**

431.7.1 Is-Sindku preżenta l-proġramm ta' attivitajiet iffinalizżat:
1 ta' Marzu – assemblea fl-iskola u preżentazzjoni ta' kotba tar-Reġjun Punent
5 ta' Marzu – quddiesa ta' ringrazjament fil-Knisja Arċiprteali fid-9.30am
11 ta' Marzu – Serata u l-Għoti tal-Unur Onorefiċenza fil-Knisja Arċipretali fis-7.30pm
18 ta' Marzu – Attivita' ambjentali – clean-up u taħwil ta' siġar
26 ta' Marzu – Attivita' Sportiva bir-roti

431.7.2 Is-Sindku qal li:
fil-11 ta' Marzu jaħbat l-anniversarju tal-Banda San Nikola fejn ser ikunu qed itellgħu kunċert. Is-Serata ser issir taħt il-patroċinju tal-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca u wara jsir riċeviment fis-sala taċ-Ċentru Ċiviku.
Fis-26 ta' Marzu ser issir ukoll attivita' relatata mal-logħol tal-Pajjiżi ż-żgħar organizzata fuq bażi nazzjonali u ser tiġi amalgamata mal-programm pjanat

431.7.3 Is-Sindku qal ukoll li:
fis-16 u s-17 ta' Marzu, il-Kunsill ser ikun qed jospita delegazzjoni minn 15-il pajjiż barrani għal konferenza 'Young -EU'.
Fl-4 jew 5 ta' April ser issir via sagra mill-parroċċa u fl-istess okkażjoni jiġi inawgurat ir-restawr tan-niċeċ tar-Redentur u d-Duluri fi Triq Sta. Margerita.
L-attivitajiet ikomplu bil-Mixgħela tal-fjakkoli u s-Salib tal-Għolja f'Ħamis ix-Xirka.

431.7.4 Il-Kunsill approva dan il-programm kif preżentat. Is-Sindku ħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-Kunsilliera f'dawn l-avveimenti.

**431.8 Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2023 – Nominazzjonijiet**

Is-Sindku informa li ġew riċevuti sitt nominazzjonijiet; 5 għal Unur u 1 għal rikonoxximent. Is-Sindku qal li dawn ser jiġu diskussi f'bord nhar is-Sibt li ġej, u r-rakkomandazzoni tiġi approvata f' Seduta b'urġenza nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2023. Id-deċiżjoni tal-Kunsill hija finali.

**431.9 Tenders**

431.9.1 Proġett Bandli Nalizpelra
Is-Sindku qal li daħlu diversi rapporti dwar il-kundizzjoni tas-safety material tal-bandli u l-istat ħażin u perikoluż. Huwa qal li t-tender li kien diġa ġie ppubikat kellu jiġi irtirat minħabba xi diskrepanzi li kien hemm fid-dokument. Huwa qal li d-dokument qed jiġi rivedut biex jerġa jinħareġ mill-iktar fis. Is-Sindku qal li sadanitant saret spezzjoni fuq il-post u qed inġibu stima biex isir hoarding mad-dawra kif ukoll avviżi ta' periklu u informazzjoni fuq ix-xogħol li ħa jsir. Is-Sindku qal li l-pubbliku hemm barra ma jkunx konxju tad-dewmien tal-proċeduri biex issir biċċa xogħol.

**431.9.2** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti aġġornament tat-tenders.

**431.9.3** Kuntratt tal-Knis
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kuntratt tal-Knis ġie 'awarded' lil WM Environmetal Ltd. Hija infurmat li l-kuntrattur preċedenti kien waqqaf is-servizz fit-28 ta' Jannar 2023 u għalhekk bħalissa il-Kunsill jinsab mingħajr servizz sakemm il-kuntrattur il-ġdid ikollu kollox kif suppost biex jista' jibda. Is-Sindku qal li sadattant, tqabbad kuntrattur biex ibattal ir-roadside litterbins u d-dogbins, anka minħabba kwistjoni ta' iġjene.

**431.9.4** Kuntratt Servizz ta' perit
Il-Kuntratt għas-servizz ta' perit ġie awarded lil Perit Dieter Falzon. Ser isir laqgħa mal-Perit Falzon u l-Perit preċedenti biex issir handover tax-xogħol pendenti, u naraw xi proġetti fadal biex jingħalqu mill-Perit Felice peress li kien hu li ħadem fuqhom fosthom il-Miżuri 4.3, 4.4 u 1 li waslu fl-għeluq tagħhom.

**431.9.5** Kuntratt Ġbir ta' Skart Goff
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara l-appell fuq dan it-tender li ġie magħluq favur il-Kunsill, it-tender ġie awarded lil Melchiore Dimech li ser jibda jopera f'Marzu.

**431.9.6** Tender safety Material Nalizpelra
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara li kien hemm diversi talbiet għal kjarifiċi minn diversi suppliers fuq it-tender ippublikat, ġie deċiż li dan ikun irtirat biex jiġi rivedut mill-Perit. Filfatt qiegħed fil-proċess ta' reviżjoni biex jerġa jinħareġ mill-iktar fis possibbli.

**431.9.7** Tenders signs and markings
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan it-tender qiegħed għal evalwazzjoni.

**431.9.8** Sejħa għal Contracts Manager
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara sejħa pubblika għal contracts manager fuq skala 13 fejn ġew riċevuti tlett applikazzjonijiet, irriżulta li ħadd minnhom ma kien jikwalifika mar-rekwiżiti u allura il-proċess ma setax jitkompla. Is-Sindku qal li l-kariga ta' Contracts Manager hija fundamentali għal Kunsill speċjalment fil-pożizzjoni preżenti fejn hemm bdil tal-kuntratturi tas-servizzi maġġuri. Huwa qal li din il-pożizzjoni rajna r-riżultat dan l-aħħar xhur meta ġie ingaġġat persuna b'urġenza għal contracts manager għas-servizz tal-ġbir ta' skart, fejn rajna riżultat pożittivi ħafna, anka peress li l-amministrazzjoni ma tistax tlaħħaq ukoll max-xogħol fuq barra. Fid-dawl li fix-xhur li fil-ġranet li ġejjin ser jibda kuntrattur ġdid tal-knis u anka peress li bħalissa għaddejjin bix-xogħol ta' tindif tat-toroq rurali bi tħejjija għal mixgħela, hemm bżonn ta' persuna b'ingaġġ imminenti biex issegwi dan ix-xogħol. Is-Sindku propona li jinġabru kwotazzjonijiet għal-servizz b'urġenza. Il-Kunsill unanimament qabel.

**431.10** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**431.10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**431.10.2** Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess fl-applikazzjonijiet PA324/23, PA282/23, PA122/23, RG1134/22, PA7115/21.

**431.10.3** Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni dwar applikazzjoni PA2270/16 (solar farm f'Tal-Bewwiela) u propona li l-Kunsill iġib iktar informazzjoni.

**431.11** **Rapport tal-Korrispondenza**

**431.11.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm talba għal permess ta' xogħolijiet fi Triq San Ġakbu għal żmien twil li jeċċedi sena, fejn l-applikant qed jitlob li jinżebgħu double lines temporanji biex ikun jista jimmanuvra. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk speċifikax jekk hux ser jaħdem kuljum. Is-SE qalet li l-applikant qal li mhux ser jaħdem kuljum u ma jkunx jaf eżatt meta. Il-Kunsill unanimament qabel li l-applikant japplika għal permess u jingħata no parking signs għal meta jkun ser jaħdem biss u definittivament ma jsirux linji sofor biex ma noħolqux inkonvenjent bla bżonn lir-residenti.

**431.12** **Rapport tal-ilmenti**

**431.12.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**431.13** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**431.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**431.13.2** Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**431.14** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**431.14.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia informat li l-applikazjoni għall-lezzjonijiet tal-lifelong learning għall-iskema li jmiss kienet intbagħtet. Hija qalet li qed taħdem mas-Segretarju Eżekuttiv biex isiru korsijiet f'suġġetti oħra u possibilta' ta' taħriġ mingħajr ħlas. Il-Kunsilliera qalet li r-Reġjun Punent kien għamel ftehim ta' kollaborazzjoni mal-MCAST għal diversi opportunitajiet.

**431.14.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hija mistiedna għall-konferenza oħra CERM fi Brussell fit-23 u l-24 ta' Marzu. Hija qalet li diġa attendiet għal żewġ konferenzi oħra u talbet li tingħata il-Per Diem relatat. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet iktar informazzjoni fuq dawn is-sezzjonijiet ħalli tkun tista tiċċekja mal-AKL rigward dan.

**431.14.3** Il-Viċi Sindku infurmat li ser jiġi organizzat festin tal-karnival għall-anzjani fl-20 ta' Frar fiċ-ċentru Ċiviku. Dan ser ikun miftuħ għal kulħadd u bookings fl-uffiċċju tal-Kunsill. Infurmat ukoll li ser tiġi organizzata ħarġa edukattiva għat-tfal fil-Birgu fis-18 ta' Frar, minflok party tal-karnival.

**431.14.4** Il-Kunsillier Julian Borg informa li hemm ħofra perikoluża fi Triq tan-Nofs. Huwa talab li tittieħed azzjoni b'urġenza minħabba periklu u tingħalaq bil-konkos.

**431.14.5** Il-Kunsillier Kurstein Sant semma l-problema fi Triq Tan-Nofs fejn it-triq tidjieq u qal li qed jeħlu diversi vetturi. Huwa qal li s-soluzzjoni li titwaħħal no entry sign.

**431.15** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**431.15.1** Il-laqgħa intemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.

**431.15.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 13 ta’ Marzu 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv